**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **642/2021 (AD)**

**MARIA DOLORES FARRUGIA (KI 480458M)**[1]

**VS**

**SALVINA SIVE SYLVIA GRECH (KI 576062M)**
**EILEEN FARRUGIA (KI 520065M) U**
**MARIA SCIBERRAS (KI 78268M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar id-diżeredazzjoni tar-rikorrenti Maria Dolores Farrugia mill-wirt tal-ġenituri tagħha Emanuel u Maria Concetta Sciberras, u d-dritt tagħha o meno għas-sehem riservat spettanti lilha fit-termini tal-liġi mill-istess wirt;

[1] B'digriet tal-4 ta' Novembru 2022, ġie kanċellat il-kliem *"u Cherylie Grerch (KI 400180m) għal kull interess il jista' jkollha"*

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2021, **Maria Dolores Farrugia**[2] bil-ġurament tagħha ppremettiet:

   a. *ILLI l-esponenti hija bint il-mejtin Emanuel Sciberras li ġie nieqes fil-5 t'Awwissu, 2019 u Maria Concetta Sciberras illi ġiet nieqsa fit-30 ta' Novembru, 2020;*

   b. *ILLI l-wirt tal-ġenituri tal-esponenti huwa regolat b'testment unica charta datat il- 5 ta' Frar, 2013 u ippubblikat min-Nutar Dottor Patrick Critien;*

   c. *ILLI mit-testment suriferit jirriżulta illi filwaqt li missier l-esponenti, Emanuel Sciberras innomina lil martu Maria Concettta Sciberras bħala l-unika werrieta tiegħu; omm l-esponenti, l-istess Maria Concetta Sciberras innominat lill-intimati Salvina sive Sylvia Grech, Eileen Farrugia u Maria Sciberras bħala werrieta, fi kwoti indaqs bejniethom;*

   d. *ILLI inoltre, bla ebda raġuni valida fil-liġi, omm u missier l-esponenti iddiżeredaw lill-esponenti, u lil tnejn minn ħutha, u cioe' lil Susan Sciberras u lil Emily Farrugia; jiġifieri iddiżeredaw lil tlieta (3) minn uliedhom;*

   e. *ILLI ma teżisti ebda raġuni valida fil-Liġi li tiġġustifika d-diżeredita' imsemmija, magħmula mill-ġenituri tagħha. In oltre' r-raguni mogħtija għad-dizeredazzjoni mhux minnha u dan kif ser jiġi provat tul dina l-kawża;*

[2] Ir-rikors ġie preżentat minn Maria Dolores Farrugia u bintha Cherylie Grech għal kull interess li jista' jkollha. Madanakollu, permezz ta' digriet mogħti nhar l-4 ta' Novembru 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex issir Cherylie Grerch tiġi estromessa minn dawn il-proċeduri in konsiderazzjoni tal-fatt illi kienu ġew ċeduti t-talbiet illi kienu jikkonċernaw lilha.

f. *ILLI għalhekk ir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia hija legalment intitolata għas-sehem riservat mill-wirt tal-ġenituri tagħha u dan ai termini tal-Artikoli 615 et seq tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

g. *ILLI permezz ta' Ittra Uffiċjali (Numru: 653/2021) l-esponenti interpellat lill-intimati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riservat illi jappartjeni lilha, in linea mal-Artikolu 615 et sequitur tal-Kapitolu Sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-mewt tal-imsemmija ġenituri taghha u dan fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika tal-Ittra Uffiċjali imsemmija;*

h. *ILLI inoltre l-esponenti, fl-istess Ittra Uffiċjali formalment għarrfet lill-intimati illi f'każ ta' nuqqas ta' qbil jew kooperazzjoni, hija kienet ser tiproċedi ai termini talArtikolu 626(1) tal-Kodiċi Ċivili, sabiex is-sehem riservat li l-mittenti titlef, imiss lil bintha rikorrenti f'din il-kawża għal kull interess li jista' jkollha, Cherylie Farrugia;*

i. *ILLI minkejja interpellati kif imsemmi fil-punti preċedenti, l-intimati baqgħu inadempjenti u l-esponenti kienet kostretta tiproċedi permezz ta' dina l-kawża;*

j. *ILLI l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara illi ma tezisti ebda raguni tajba u valida fil-ligi li ghaliha r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia tista' tigi dizeredata mill-mejta genituri taghha Emanuel u Maria Concetta Sciberras u li ghaldaqstant id-dizeredazzjoni taghha mhiex sostenibbli;*

ii. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, hija intitolata għas-sehem riservat (leġittima) mill-wirt tal-ġenituri tagħha, id-*

*defunt Emanuel u ddefunta Maria Concetta Sciberras, u dan ai termini tal-Artikolu 615 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

iii. *Tiddikjara u tordna illi sakemm ir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia tinghata s-sehem riservat skond il-ligi l-assi kollu tat-testaturi ghandhom jigu konservati u konsegwentement tordna li ebda assi taghhom ma ghandhom jigu trasferiti, moghtija jew assenjati taht kwalsiasi titolu;*

iv. *Tillikwida l-assi ereditarji tat-testaturi u tistabilixxi l-valur tas-sehem riservat tarrikorrenti Maria Dolores Farrugia, ai termini tal-Artikolu 615 et seq tal-Kap. 16 talLiġijiet ta' Malta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

v. *Tordna lill-intimati werrieta tad-defunti Emanuel Sciberras u Maria Concetta Sciberras, iħallsu lir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, il-valur tas-sehem riservat tagħha hekk kif determinat u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti skond il-ligi skond il-valur stabilit minn dina l-Onorabbli Qorti fi zmien li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi;*

vi. *Tordna lill-intimati sabiex ma jbieghux u / jew jitrasferixxu jiddisponu, jikkoncedu u jweghdu lil terzi taht kwalsiasi titolu, b'mod oneruz jew gratuwitu ukoll milli jammettu fil-pussess u/jew jikkonsenjaw ebda assi mill-wirt tal-mejta Emanuel u Maria Concetta Sciberras sakemm l-intimati jghaddu lir-rikorrenti s-sehem spettanti lilha ossia il-porzjon riservat, kif likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti;*

vii. *F'każ biss li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax mill-ewwel (i) sas-sitt (vi) talba, suriferiti, tiddeċiedi u tiddikjara illi r-rikorrenti Cherylie Grech, hija intitolata għas-sehem riservat spettanti lil ommha r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, u dan ai termini tal-Artikolu 626(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

viii. *F’każ biss li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax mill-ewwel (i) sas-sitt (vi) talba, suriferiti, tillikwida l-assi ereditarji tat-testaturi u tistabilixxi l-valur tas-sehem riservat tar-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, ai termini tal-Artikolu 615 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, ghal skopijiet tas-seba’ (vii) talba, maghmula in linea mal-Artikolu 626(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

ix. *F’każ biss li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax mill-ewwel (i) sas-sitt (vi) talba, suriferiti, tordna lill-intimati werrieta tad-defunti Emanuel Sciberras u Maria Concetta Sciberras, iħallsu lir-rikorrenti Cherylie Grech, il-valur tas-sehem riservat spettanti lil ommha r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, hekk kif determinat u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti skond il-ligi skond il-valur stabilit minn dina l-Onorabbli Qorti fi zmien li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi;*

*Bl-imgħax legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-dati tal-mewt rispettivi ta’ Emanuel Sciberras u ta’ Maria Concetta Siberras, fuq kull porzjon riservat li jmiss lir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, ai termini tal-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, kontra l-intimati;*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 653/2021 u l-Mandat ta’ Inibizzjoni prezentat kontestwalment ma’ dan ir-Rikors, kontra l-intimati. B’riserva ta’ kwalunkwe rimedju u/jew dritt spettanti lill-esponenti skond il-Liġi;*

4. Permezz ta’ digriet mogħti nhar is-sitta (6) ta’ Lulju 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta’ nhar il-Ħamis, sittax (16) ta’ Settembru 2021, b’ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenuti, illi ngħataw għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilhom tal-istess, sabiex jirrispondu skont il-liġi;

5. B’risposta ġuramentata datata sitta (6) t’Awwissu 2021, il-konvenuti **Salvina sive Sylvia Grech et** eċċepew:

a. *Illi permezz ta' rikors ġuramentat datat 2 ta' Lulju 2021 ir-rikorrenti talbu inter alia lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jiġi ddikjarat li r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia hija intitolata għall-porzjon riżervat lilha tal-ġenituri tagħha l-mejtin Emanuel Sciberras u Maria Concetta Sciberras u sabiex dan il-porzjon riżervat jiġi illikwidat u li l-esponenti jħallsu din is-smmma hekk likwidata;*

b. *Illi r-rikorrenti talbu ukoll li jekk l-Qorti ma tilqax mill-ewwel sas-sitt talba tagħhom, il-Qorti għandha tiddeċiedi li r-rikorrenti l-oħra ossia Cherylie Grech hija intitolata għas-sehem riservat spettanti lil ommha r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia, u dan ai termini tal-Artikolu 626(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c. *Illi l-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqqilhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;*

d. *Illi, preliminarjament, il-konvenuti jeċepixxu n-nullita' tar-rikors promotur tal-attriċi ai termini ta' l-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi r-rikorrenti permezz tar-rikors promotur tagħhom, u bi ksur tal-prinċipju kardinali 'electam una via non datum recursus ad alteram', qegħdin jipprovaw jittentaw jagħmlu żewġ azzjonijiet separati u distinti minn xulxin f'kawża waħda, senjatament azzjoni sabiex waħda mir-rikorrenti għas-sehem riservat skont l-Artikoli 615 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-istess nifs azzjoni ai termini tal-Artikolu 626(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u liema talbiet huma inkompatibbli ma' xulxin anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti Cherylie Grech iddaħlet fil-kawża 'għal kull interess li jista' jkollha';*

e. *Illi l-esponenti jagħmlu referenza għall-Artikolu 622 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li 'Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għal daqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.' In oltre, skont id-dispost tal-artikolu 629 tal-Kap 16 jipprovdi*

*li "meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata ir-raġuni, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riservat biss." Jekk wieħed jara l-Artikolu 4 tat-Testment ta' omm l-esponenti hemm ir-raġunijiet għalfejn saret id-diżeredazzjoni u b'hekk is-sehem riżervat mhux dovut lill-atturi u dan kif se jirriżulta ulterjorment fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

f. *Illi għalhekk dwar il-ħames (5) paragrafu tar-rikors ġuramentat promotur, Maria Concetta Sciberras, omm il-partijiet, kellha kull dritt li tiddiżeredita lir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia u lil oħthom l-oħrajn, li mhix parti f'din il-kawża, u dan ai termini tal-liġi kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

g. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammonti iddikjarati mir-rikorrenti fil-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 981/2021 ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża ma jirrispekkjawx l-ammonti reali tal-assi tal-eredita' tal-mejtin ġenituri tal-partijiet u dan kif se jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża. Għalhekk, ir-rikorrenti jeħtieġ illi jippruvaw il-quantum tal-pretensjoni tagħhom;*

h. *Bla ħsara għas-suespost, b'referenza speċifika għat-tieni (ii) talba, ir-referenza għal "leġittima" hija żbaljata u barra minn lokha, għaliex tirreferi għal kunċett illi huwa differenti ferm mis-sehem riservat u, kif jidher mit-talbiet tal-atturi stess, dak li fir-realta' qed jippretendu huwa s-sehem riservat (mhux leġittima);*

i. *Ukoll, b'referenza speċifika għas-sitt (vi) talba, din it-talba għandha tiġi miċħuda għaliex semai talba bħal din għandha ssir fl-ambitu ta' mandat t'inibizzjoni mhux fil-kuntest ta' kawża fil-mertu;*

j. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessibbli skont il-liġi;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u b'riserva għal kwalunkwe azzjoni ta' danni permessibbli mill-konvenuti kontra r-rikorrenti.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat tnejn (2) ta' Lulju 2021;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti datata sitta (6) t'Awwissu 2021;

8. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Maria Dolores Farrugia**, immarkat **Dok MDF** a fol 19 *et seq* tal-proċess, u d-dokument immakrat **Dok DF** anness miegħu (a fol 21 tal-proċess);

9. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Joanne Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**[3] waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati bħala **Dok JB1 sa JB5** (a fol 30 *et seq*, 53 *et seq*, 65, 66 *et seq* u 80 *et seq* tal-proċess rispettivament);

10. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**[4] waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok LA1 sa LA5** (a fol 100 *et seq*, 103-104,105-106,107 *et seq* u 110 *et seq* tal-proċess rispettivament);

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Roseanne Abela Wadge** in rappreżentanza tal-**BNF Bank plc**[5] waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021;

12. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Jeanette Lepre** in rappreżentanza ta' **Lombard Bank Malta plc**[6] waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021;

13. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Gabrielle Marmara'** in rappreżentanza ta' **APS Bank plc**[7] waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021;

---

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 28-29 tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 98-99 tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 122-123 tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 124-125 tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 126-127 tal-proċess

14. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Karen Cremona** in rappreżentanza tal-**Awtorita' Trasport Malta**[8] waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021, u rat id-dokumenti minnha esebita u mmarkata **Dok KC1 sa KC4** (a fol 130 *et seq*, 135 *et seq*, 138 u 139 tal-proċess rispettivament);

15. Rat l-affidavit ta' **Cherylie Grech** immarkat **Dok CG** a fol 141 tal-proċess;

16. Rat l-affidavit ta' **John Mary Farrugia** immarkat **Dok JMF** a fol 142-143 tal-proċess;

17. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Caroline Mifsud** in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**[9] waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru 2021, u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CG1** a fol 151 *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Etienne Scicluna**, **Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**[10] waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru 2021, u rat id-dokumenti minnu esebiti, u cioe: (a) żewġ kopji ta' ittri uffiċjali mmarkati **Dok ES1** u **Dok ES2** (a fol 158-159 u 160 *et seq* tal-proċess); (b) kopja ta' ċedola ta' depositu li ġiet imarkata **Dok ES3** (a fol 167 *et seq* tal-proċess); (c) żewġ kopji ta' mandati mmarkati **Dok ES4** u **Dok ES5** (a fol 175 *et seq* u 185 *et seq* tal-proċess); (d) kopja ta' rikors ġuramentat immarkata **Dok ES6** (a fol 191 *et seq* tal-proċess); u (e) kopja ta' ittra uffiċjali mmarkata **Dok ES7** (a fol 203 *et seq* tal-proċess);

19. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022, u cioe: (a) riċerki testamentarji ta' Maria Concetta Sciberras (**Dok A** a fol 207 *et seq* tal-proċess); (b) riċerki testamentarji ta' Emanuele Sciberras (**Dok B** a fol 210 *et seq* tal-proċess); (c) vera kopja tal-unika testment tal-imsemmija Maria Concetta Sciberras u Emmanuel Sciberras, tal-ħamsa (5) ta' Frar 2013 (**Dok C** a fol 213 *et seq* tal-proċess); (d) vera

[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 128-129 tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 149-150 tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 156-157 tal-proċess

kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-intimati fil-konfront tal-assi tal-mejta Maria Concetta Sciberras u Emanuele Sciberras (**Dok D** a fol 217 *et seq* tal-proċess); u (e) *Vehicle Value Guide* rilaxxat mill-Malta Insurance Association sabiex jiġi determinat il-valur tal-vetturi f'isem Emmanuel u Concetta Sciberras fil-mument tal-mewt tagħhom (**Dok E** a fol 219 *et seq* tal-proċess);

20. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-konvenuta **Sylvia Grech** prodotta mill-attriċi in eżami, waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2022[11];

21. Rat ir-rapporti esebiti mir-rikorrenti, annessi mal-*causa mortis* ta' Emanuel Sciberras u Maria Concetta Sciberras nee Zammit, illi a bażi tagħhom saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* mill-intimati, immarkati **Dok VAL 1** (a fol 442 *et seq* tal-proċess) **u Dok VAL 2** (a fol 444 *et seq* tal-proċess) rispettivament;

22. Rat l-affidavit tal-intimata **Sylvia (Salvina) Grech**, immarkat **Dok SG** a fol 451 *et seq* tal-proċess, u żewġ dokumenti minnha esebiti, cioe (a) riċevuta datata l-ewwel (1) t'April 2021 rigwardanti bejgħ ta' van tal-għamla Mitsubishi L200 (ABG 453) għall-prezz ta' elf Ewro (€ 1,000), immarkata **Dok SG1** a fol 455 tal-proċess); u (b) riċevuta datata dsatax (19) ta' Mejju 2021 rigwardanti karozza tal-għamla VW Jetta (IAG 969) għall-prezz ta' elf u tlett mitt Ewro (€ 1,300), immarkata **Dok SG2** a fol 456 tal-proċess);

23. Rat l-affidavit tal-intimata **Eileen Farrugia**, immarkat **Dok EF** a fol 457 *et seq* tal-proċess;

24. Rat l-affidavit tal-intimata **Maria Sciberras**, immarkat **Dok MS1** a fol 463 *et seq* tal-proċess;

25. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tar-rikorrenti **Maria Dolores Farrugia** prodotta mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) t'April 2022[12];

---

[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 440A-440B tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 470 *et seq* tal-proċess

26. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **John Mary Farrugia** prodott mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Ġunju 2022[13];

27. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Cherylie Grech** prodotta mill-konvenuti in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sitta (6) t'Ottubru 2022[14];

28. **Rat in-nota tar-rikorrenti datata sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022 illi permezz tagħha ġew ċeduti s-seba' (7), tmien (8), u disa' (9) talbiet** (a fol 498 tal-proċess)**;**

29. **Rat ir-rikors datat sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022 illi permezz tiegħu Cherylie Grech: (a) talbet illi tiġi estromessa minn dawn il-proċeduri stante illi wara illi ġew ċeduti t-talbiet seba' (7), tmienja (8) u disgħa (9), hija ma kellhiex aktar interess fil-proċeduri, u (b) talbet illi kull referenza għaliha stess fl-okkju tal-kawża titneħħa, fit-termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (a fol 495-496 tal-proċess)**;**

30. **Rat id-digriet tagħha stess datat erbgħa (4) ta' Novembru 2022, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba magħmula permezz ta-rikors tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022** (a fol 499 tal-proċess);

31. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-konvenuta **Sylvia Grech** prodotta mill-attriċi in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[15];

32. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-konvenuta **Maria Sciberras** prodotta mill-attriċi in kontro-eżami, waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2022[16];

33. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-konvenuta **Eileen Farrugia** prodotta mill-attriċi in kontro-eżami, waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2022[17];

[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 479 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 487 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 501 *et seq* tal-proċess
[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 513 *et seq* tal-proċess
[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 523 *et seq* tal-proċess

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata tlettax (13) ta' Frar 2023, a fol 531 *et seq* tal-proċess;

35. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata sbatax (17) t'April 2023, a fol 543 *et seq* tal-proċess;

36. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

37. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**<u>Eċċezzjoni Preliminari Sollevata mill-Konvenuti</u>**

38. Fir-raba' paragrafu tar-risposta tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu n-nullita' tar-rikors promotur tal-attriċi ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana billi r-rikorrenti qed jipprovaw jittentaw jagħmlu żewġ azzjonijiet separati u distinti minn xulxin f'kawża waħda, senjatament azzjoni sabiex waħda mir-rikorrenti tieħu sehem riservat skont l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-istess nifs azzjoni ai termini tal-Artikolu 626(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

39. Din il-Qorti iżda tinnota illi t-talbiet magħmula fir-rikors ġuramentat fit-termini tal-Artikolu 626(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sussegwentement ċeduti mir-rikorrenti, u Cherylie Farrugia ġiet estromessa mill-proċeduri odjerni preċiżament għax ma kienx fadlilha interess fil-kawża per konsegwenza tal-istess ċessjoni;

40. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tqis din l-eċċezzjoni bħala **<u>sorvolata</u>** u sejra **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**Id-Diżeredazzjoni**

41. Il-kawża odjerna tirrigwarda d-diżeredazzjoni tar-rikorrenti mill-wirt tal-ġenituri tagħha Emanuel u Maria Concetta Sciberras, permezz ta' testment *unica charta* datat ħamsa (5) ta' Frar 2013 u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien;

42. Id-diżeredazzjoni hija regolata bl-Artikoli 622 u 623 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 622 jistabbilixxi illi:

> *622.Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għal daqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.*

43. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 623 tal-Kap 16 iżid illi:

> *623.Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:*
>
> *(a) jekk id-dixxendent ikun ċahad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;*
>
> *(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*
>
> *(c) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*

*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*

*(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;*

*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;*

*(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent.*

44. L-Artikolu 629 imbagħad jistabbilixxi illi:

*629. Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riżervat biss.*

Huwa dak illi qiegħda titlob ir-rikorrenti f'din il-kawża, u cioe s-sehem riżervat spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha;

45. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Norbert Degabriele et vs Carmelo Degabriele et***[18]:

*23. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna tissenjala li d-dizeredazzjoni hi cirkostanza eccezzjonali fejn it-testatur jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min bil-ligi ghandu dritt li jiehu minn dak il-wirt. Jinghad li hi cirkostanza eccezzjonali ghaliex fis-sistema guridika taghna t-testatur mhux moghti l-liberta` kollha biex jiddisponi minn gidu wara mewtu kif jixtieq hu u dejjem jibqa' d-dritt mhux*

[18] Rik Nru 1225/2007, Qorti tal-Appell (Superjuri), 31 ta' Mejju 2019

*mittiefes tal-legittima. Fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 2006 fl-ismijiet* **Dorothy Grech mart Emanuel v. Deborah Fenech De Fremaux**, *il-Qorti gharfet dan u spjegat sew ir-raguni u l-effetti tal-istitut ta' dizeredazzjoni li sahansitra hu meqjus bhala odjuz:*

*"Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala circkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod iehor, huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhala huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex moghti liberta' shih dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni bija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi [f.n. 3 Raguni serja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skont l-artikolu 32 tal-Kap. 16] – kien ikollha jedd ghal-legittima. Hija circostanza li tmur kontra r-regola, u ghalhekk hija mharsa b'normi specjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skont il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet. B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx jisthoqqilha tiret lit-testatur [fn 4 Ara l-art. 605(1) tal-Kap. 16], id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jaghzel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha [Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession, pagg. 1003-4]. Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet [L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004], izda l-legislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;".*

*24. Minhabba l-fatt li d-dizeredazzjoni hi cirkostanza eccezzjonali, irid ikun hemm ragunijiet serji fejn id-dritt ghall-porzjon rizervat sahansitra jigi michud. Ghalhekk il-ligi stess telenka b'mod tassattiv dawk ir-ragunijiet li ghalihom it-testatur jista' jcahhad is-sehem rizervat lil min jispetta. Dan jinghad b'riferenza ghall-Artikoli 623 u 630 fejn fil-kaz odjern ma jidhirx li huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 630 izda dawk tal-Artikolu 623. Izda skont l-istess Artikolu 622 it-testatur ghandu jispjega r-raguni tieghu ghalfejn ghazel id-dizeredazzjoni, liema raguni ma tistax tkun ghajr wahda minn dawk li tipprovdi ghalihom il-ligi. Jekk it-testatur jonqos milli jaghmel dan jew ir-raguni ghaliha ma tigix pruvata kif jirrikjedi is-subartikolu 625(1), imbaghad id-dizeredat ikollu biss il-jedd li jircievi s-sehem rizervat, u dan skont kif jipprovdi l-Artikolu 629.*

46. Fit-testment *unica charta* tal-ħamsa (5) ta' Frar 2013, Emanuel Sciberras stipula fir-Raba' Artikolu[19] illi:

*It-testatur qiegħed formalment jiddiżeredita lil bintu Doreen mart Jimmy Farrugia, u dan minħabba l-fatt li din ilha miksura miegħu u minn martu għal diversi snin, minkejja li t-testatur ipprova u għamel minn kollox biex jirranġa huwa stess magħha, din qatt ma riedet tkellmu, anzi dawret lill-bintha kontra tiegħu b'tali mod li l-istess neputija tiegħu lanqas biss taf n-nanniet tagħha, liema aġir it-testatur jikkonsidra bħala krudelta' psikoloġika li affettwatu ħafna. Din hija r-rieda assoluta tat-testatur. [...] F'kas li dawn it-tliet uliedu jikkontestaw dan l-Artikolu, u b'xi mod jerbħu xi forma ta' drittijiet kontra l-wirt tat-*

[19] Vide **Dok C**, a fol 214 tal-proċess

*testatur, f'kull kas ma jkunux dovuti li jieħdu aktar mill-parti riservata lilhom skont il-liġi.*

Mill-banda l-oħra, Maria Concetta Sciberras stipulat fir-Raba' Artikolu[20] illi:

*It-testatriċi qegħda formalment tiddiżeredita lil bintha l-oħra Doreen mart Jimmy Farrugia, u dan minħabba l-fatt li din ilha miksura magħha u minn żewġha għal diversi snin, minkejja li t-testatriċi pprovat u għamlet minn kollox biex tirranġa hija stess magħha, din qatt ma riedet tkellimha, anzi dawret lill-bintha kontra tagħha b'tali mod li l-istess neputija tagħha lanqas biss taf n-nanniet tagħha, liema aġir it-testatriċi tikkonsidra bħala krudelta' psikoloġika li affettwata ħafna. Din hija r-rieda assoluta tat-testatriċi. [...] F'kas li dawn it-tliet uliedha jikkontestaw dan l-Artikolu, u b'xi mod jerbħu xi forma ta' drittijiet kontra l-wirt tat-testatriċi, f'kull kas ma jkunux dovuti li jieħdu aktar mill-parti riservata lilhom skont il-liġi.*

47. Jidher illi t-testaturi taw żewġ raġunijiet għalfejn kienu għażlu illi jiddiżeredaw lir-rikorrenti, u cioe: *"minħabba l-fatt li din ilha miksura miegħu u minn martu* [u *"magħha u minn żewġha"*] *għal diversi snin"*, u li *"dawret lil bintha kontra tiegħu* [u *"tagħha"*] *b'tali mod li l-istess neputija tiegħu lanqas biss taf n-nanniet tagħha"*. It-testaturi jsostnu illi dan l-allegat aġir da parti tar-rikorrenti kien minnhom ikkonsidrat *"bħala krudelta' psikoloġika li affettwatu* [u *"affettwata"*] *ħafna"*. Din il-Qorti teskludi għalhekk illi t-testaturi kienu qed jiddiżeredaw lir-rikorrenti a bażi tar-raġunijiet mogħtija fis-sub-inċiżi (a), (b), (ċ), (f) u (g) tal-Artikolu 623 tal-Kap 16, stante illi m'għandhom l-ebda relevanza meta kkonsidrat il-mertu tal-każ odjern, u għalhekk tqis illi t-testaturi kienu qed jiddiżeredaw lir-rikorrenti a bażi tar-raġuni mogħtija fis-sub-inċiż (d) u/jew (e) tal-Artikolu 623 tal-Kap 16, u cioe: ***"(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta'***

[20] Ibid, a fol 215 tal-proċess

***moħqrija lejh"*** u/jew ***"jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi"***;

48. Imkien fil-kors tas-smiegħ tal-provi f'din il-kawża (u lanqas fit-testment innifsu) ma rriżulta xi ħjiel li l-attriċi xi darba sawtet lill-ġenituri tagħha. Din ir-raġuni tista' għalhekk tiġi awtomatikament skartata. Jibqa' għalhekk sabiex jiġi indagat jekk kinitx ir-rikorrenti ħatja ta' moqrija lejn il-ġenituri tagħha jew min minnhom;

49. Dwar ***"moħqrija"*** kif kontemplata **fis-sub-inċiż (d)**, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Pace vs Frances sive Franca Camilleri et***[21], illi:

> *In vena legali u b'mod generali din il-Qorti tosserva li t-terminu "mohqrija" ghandu jigi mifhum li hu dak il-komportament uman abuziv li profondament ikun wegga' lit-testatur matul hajtu mhux biss fizikament izda anke psikologikament b'mod li allura jkun ta' certu gravita` li jopprimi lit-testatur sa tali grad li dan jasal sabiex jeskludi lill-wild tieghu milli jiehu mill-gid tieghu wara mewtu, anke minn dak il-porzjon li l-ligi espressament tirrizerva ghall-ulied. Il-mohqrija trid tkun sa tali grad li tiggustifika l-eccezzjoni ghan-norma legali li taghti d-dritt lill-ulied ghal legittima.*

50. Mill-banda l-oħra, dwar ***"offiża gravi"*** kif kontemplata **fis-sub-inċiż (e)**, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto vs Tabib Dr Angelo dei Baroni Attard Montalto***[22]:

> *Illi l-istorja ta' l-istitut tad-diżeredazzjoni turi kwindi illi l-kondotta ħażina ta' l-ulied jew tad-dixxendenti, li biha*

[21] Ċit Nru 106/2010, Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 ta' Mejju 2017
[22] Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Dr T Gouder, 29 ta' Marzu 1949, Kollez Vol XXXIII.ii.357 (in ġudikat)

*tista' titnaqqas ir-reputazzjoni tagħhom, ma tidħolx fil-kawża ta' l-inġurja f'materja ta' diżeredazzjoni lill-axxendent, u li l-inġurja gravi lill-axxendent kontemplata bħala kawża ta' diżeredazzjoni, hija dik verbali jew reali, li tikkontjeni l-imputazzjoni ta' xi fatt li jippreġudika l-unur ta' l-axxendent;*

*Illi dana jidher ċar anki mill-eżami tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 660* [illum 623] *tal-Kodiċi Tagħna relativi għall-kawżi tad-diżeredazzjoni. Difatti, il-każ ta' meta d-dixxendent ikun ħati lejn it-testatur ta' inġurja gravi huwa kontemplat bħala kawża ta' diżeredazzjoni fl-ittra (e) ta' l-artikolu fuq imsemmi; u mbagħad fl-ittra (f) hu kontemplat il-każ ta' meta l-bint jew dixxenenti oħra tkun prostituta pubblika mingħajr, naturalment, il-konnivenza tat-testatur. Kieku kull kondotta ħażina setgħet kienet kawża ta' diżeredazzjoni u kompriża taħt il-kelma "inġurja", ma kienx ikun hemm sens fl-enumerazzjoni tal-prostituzzjoni tat-tifla bħala kawża ta' diżeredazzjoni;*

*Illi, dimostrat li l-kondotta ħażina mhix kompriża fil-kelma "inġurja" għall-finijiet taċ-ċitat art. 660 (e), ma hemmx lok għat-tfittix ta' l-interpretazzjoni tas-sinifikat tal-kelma "inġurja" skond l-applikazzjonijiet magħmula f'materja ta' separazzjoni personali. Is-separazzjoni personali ma għandha x'taqsam xejn mad-diżeredazzjoni; ir-rapporti li jinterċedu bejn il-miżżewġin huma ben diversi minn dawk li jinterċedu bejn il-ġenituri jew axxendenti oħra u l-ulied jew dixxendenti oħra; u t-tagħlim mogħti f'każ mhux dejjem jista' jiġi b'sikurezza applikat għal każ ieħor għal kollox divers. Għall-każ in kwistjoni ċertament ma tistax tiġi applikata d-dottrina in materja ta' separazzjoni personali, fejn wieħed isib każijiet meta fihom ġie ritenut li l-kondotta ħażina jew immorali ta' wieħed mill-konjuġi*

*kkostitwiet inġurja lill-konjuġi l-ieħor, għaliex, kif ġie dimostrat, dana mhux konformi għad-dispożizzjonijiet tal-liġi in materja ta' diżeredazzjoni;*

*Illi pero', il-kondotta ħażina tat-tifel jew dixxendent ieħor tista' tkun tikkonsisti f'atti ta' krudelta' abitwali jew f'atti tali li t-tifel jew dixxendent ieħor jagħmel apposta biex jinki, u b'hekk iweġġa' l-qalb tal-ġenituri jew axxendenti oħra, jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazjoni ta' l-axxendenti; imma f'dawn il-każijiet mhix il-kattiva kondotta li tagħti lok għad-diżeredazzjoni, imma l-moħqrija kontemplata fl-ittra (d) taċ-ċitat artikolu 660 tal-Kodiċi Ċivili l-ewwel każ, u fit-tieni każ l-inġurja kontemplata fl-ittra (e) ta' l-istess artikolu;*

51. Fil-każ odjern, il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'**verżjonijiet dijametrikament opposti**:

52. Fuq naħa l-waħda għandha l-verżjoni tar-**rikorrenti**[23], illi ssostni illi missierha *"kellu karattru tal-biża u diffiċli għall-aħħar. Jikkmanda u jikkontrolla biss ried; li jgħid hu biss kien tajjeb."* Issemmi fl-affidavit tagħha illi missierha kien isawwatha, u li minkejja illi pruvat iżżomm kuntatt tajjeb mal-ġenituri tagħha u saħansitra kienet iżżurhom u għamlet lil missierha parrinu ta' bintha sabiex forsi jibdel l-attitudni tiegħu, kien kollu ta' xejn għax ma nbidel qatt fl-attitudni tagħha lejha. Tgħid ukoll illi kien hemm żmien meta hi u żewġha kienu jikru fond mingħand missierha, u, wara argument illi kellu missierha m'oħtha l-konvenuta Eileen, Eileen marret toqgħod mar-rikorrenti, u sussegwentement il-kera ġiet irdoppjata mill-missier. Ir-rikorrenti tiddeskrivi lil missierha bħala ġellied u xewwiexi, u li anke wara mewtu ried li jħalli l-inkwiet u joħloq gwerra bejn l-aħwa. Ir-rikorrenti ssostni illi hi kienet tibgħat lil bintha ta' sikwit għand il-ġenituri tagħha, u li mhux minnu illi ċaħdithom minnha;

[23] Vide affidavit tar-rikorrenti mmarkat **Dok MDF** a fol 19-20 tal-proċess

53. Il-verżjoni tar-rikorrenti hija wkoll korraborata mill-verżjoni ta' żewġha **John Mary Farrugia** u ta' bintha **Cherylie Grech**. **John Mary Farrugia**[24] jiddeskrivi lill-kunjatu tiegħu bħala *"karattru diffiċli ħafna"*, *"bniedem aggressiv u ġellied ma' kulħadd anke mal-ġirien tiegħu; ħadd ma jgħidlek kelma tajba dwaru"*, u *"bniedem li jħobb ixewwex u jindaħal"*. Jikkonferma wkoll illi kien hemm żmien meta l-konvenuta Eileen kellha argument ma' missierha u marret tirrisjedi għal xi żmien mar-rikorrenti u żewġha, u li lil binthom Cherylie, hu u martu kienu jibagħtuha ta' spiss għand in-nanniet tagħha, peress illi kienu joqogħdu viċin tagħhom. L-istess tgħid ukoll **Cherylie Grech**[25], u cioe illi n-nannu tagħha, *"kien bniedem b'karattru diffiċli u kien aggressiv"* u li għamlet żmien illi kienet tmur iżżurhom iżda ġie li marret għandhom u rat rigali għall-kuġini tagħha filwaqt illi hi tkun baqgħet b'xejn, b'dana illi kienet tmur lura d-dar dispjaċuta, tant illi meta ħadet l-istat tagħha, ma seta jżommha ħadd milli minn jeddha tiddeċiedi illi ma tridx tmur iktar iżżurhom. Hija ssostni wkoll illi meta kibret, *"jekk kont nara jew lin-nannu jew lin-nanna fit-triq kienu jdawru wiċċhom in-naħa l-oħra u qishom ma raw lil ħadd"*, u tikkonferma wkoll l-episodju meta Eileen marret toqgħod magħhom għal perjodu ta' żmien wara li missierha allegatament keċċiha mid-dar, f'liema perjodu wkoll id-defunt Emanuel Sciberras kien irdoppjalhom il-kera;

54. Interessanti l-fatt illi fix-xhieda tagħhom, ir-rikorrenti, żewġha u binthom jitkellmu ħafna dwar il-karattru ta' missier ir-rikorrenti u r-relazzjoni tagħhom miegħu, iżda, b'kuntrast, fir-rigward t'omm ir-rikorrenti jgħidu biss illi kienet tibża' minn żewġha. Infatti, ir-**rikorrenti** fl-affidavit tagħha tgħid, *"ommi kienet tibża' minn missieri u żgur li t-testment sar kif sar għax hu ried hekk. Il-kelma t'ommi ma kienet tiswa xejn għax kif diġa' għidt ommi qalgħet is-swat bħali u bħal ħuti."* L-istess jgħid ukoll żewġha **Jimmy Farrugia** fl-affidavit tiegħu, *"Naf ukoll li anke lil martu kien jaħqar; kienet tibża' minnu, li jgħid hu biss. Kien isawwat lil martu u anke lil uliedu. Anke*

[24] Vide affidavit tiegħu immarkat **Dok JMF** a fol 142-143 tal-proċess
[25] Vide affidavit tagħha immarkat **Dok CG** a fol 141 tal-proċess

*jekk per eżempju konna noħorġu lil omm il-mara, magħna, kif tmur lura d-dar jagħmillha xenati sħaħ."*;

55. Min-naħa l-oħra, imbagħad, hemm il-verżjoni tal-konvenuti. Il-konvenuta **Sylvia Grech**[26] tiddeskrivi lir-rikorrenti bħala *"bniedma kattiva u tivvinta qlajjiet fuq kulħadd"*. Tispjega illi *"Meta kienet tfajla, Maria Dolores kienet fuq tagħha u mhux darba jew tnejn kienet tittanta rġiel miżżewġin"*, u *"Ommi kienet dejjem twissieha biex tibqa' bil-għaqal."* Tgħid illi oħtha Eileen telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha għal perjodu ta' żmien fuq parir illi tatha r-rikorrenti, illi, *"Flok tat parir siewi lil oħtha ż-żgħira, Maria Dolores aktar pruvat biex toħloq xiżma."* Issostni wkoll illi, *"Fir-rigward ta' swat, jien qatt ma rajtu jsawwat lil ħadd id-dar la lil ħuti u wisq anqas lil ommi u nispera li l-fatt li kien kapaċi jżomm dixxiplina ma tiġix miftehma bħala moħqrija."* B'kuntrarju għal dak li tgħid ir-rikorrenti, Sylvia Grech tgħid illi, *"Missieri kien iħobbha mħabba bla qies lil ommi, hi kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox anke qabilna l-ulied. Missieri kien dejjem jaqbeż għal ommi u kien dejjem ta' sapport f'kull sitwazzjoni li kienu jsibu ruħhom fiha."*;

56. **Eileen Farrugia**[27] tgħid illi lir-rikorrenti, *"għomorha kollu nafha tgħid fuq il-ġenituri u tivvinta il-gideb"*. Tgħid illi, *"Doreen kien għadha tfajla u dejjem tinkwiethom lill-ġenituri. Kienet fuq ruħha u tħalli noti ma' karozzi ta' rġiel miżżewġin."* Issostni illi missierhom lir-rikorrenti kien jikkoreġiha, għaliex kien ta' dixxiplina *"u mhux moħqrija u krudilta' bħal ma pruvaw ipinġuh Doreen u żewġha Jimmy"*, iżda li wliedu kienu jfissru d-dinja għalih. Il-konvenuta Eileen tikkonferma illi hija kellha argument ma' missierha *"fuq ħmerija"*, illi aktar 'il quddiem tiddeskrivi bħala inċident fejn ma naddfitx il-kamra tal-banju wara li ħaslet xagħarha, u telqet mid-dar u ħadet il-Pulizija, iżda ssostni illi dan għamlitu fuq parir tar-rikorrenti, u għax kienet għadha immatura u ma kinitx taf aħjar. Hija tgħid illi lil Cherylie qatt ma ratha d-dar tal-ġenituri tagħha;

---

[26] Vide l-affidavit tagħha mmarkat **Dok SG** a fol 451 *et seq* tal-proċess

[27] Vide l-affidavit tagħha immarkat **Dok Ef** a fol 457 *et seq* tal-proċess

57. B’mod simili, il-konvenuta **Maria Sciberras** tgħid fl-affidavit tagħha[28] illi lir-rikorrenti *“dejjem niftakarha kattiva u tħobb taqla’ l-inkwita.”* Tgħid ukoll illi, *“l-ġenituri rabbewna b’dixxiplina kbira u b’għożża u mħabba kbira. Pero Maria Dolores kienet tirribella kontra din id-dixxiplina u kienet tivvinta l-inkwiet regolari.”* Issemmi fl-affidavit tagħha illi lir-rikorrenti l-ġenituri tagħhom kienu ħaduha għand speċjalista tal-għajnejn meta kienet għadha tarbija, minkejja illi ma kinux f’sitwazzjoni finanzjarja tajba, u ssostni illi *“Konna familja kbira u konna mrobbija b’għożża kbira, għallmuna x’inhi dixxiplina u mħabba vera u qatt ma naqsuna f’xejn f’ħajjithom.”* Dwar ir-relazzjoni bejn il-ġenituri tagħha tgħid, *“Għal kuntrarju li qed tgħid Maria Dolores fuq missieri, li kien isawwat anke lil mummy, missieri kien iħobb lil mummy b’imħabba speċjali u l-ebda nkwiet u qlajja li vvintat fuqhom ma rnexxielha tkisser din l-imħabba. Rispett kbir kellu l-pa lejn il-mummy.”*;

58. Dwar ir-relazzjoni t’ommhom vis-a-vis r-rikorrenti, it-tliet konvenuti jgħidu fl-affidavit tagħhom illi waqt il-funeral ta’ ħuhom Twanny, ommhom għajtet lir-rikorrenti biex tkellimha, iżda r-rikorrenti resqet lejn in-naħa l-oħra b’suppervja u rrifjutat li tkellemha. In oltre, **Maria Sciberras** issemmi kif, meta żżewġet Eileen u ħarġet mid-dar tar-rikorrenti, ommha kienet qed taraha mill-gallerija, u *“ħsibt li l-mummy se tmut f’idejja bil-kedda kbira li kienet ħadet”*. Tgħid, *“Tant ħassejt għal mummy u għal pa f’dak il-ħin li lil mummy niftakar li kont għidtilha, “Ma, għad ikollhom it-tfal u jgħamlulhom agħar milli qed issofru intom!” u qatt ma ninsa li minkejja l-kedda u l-biki kienet wiġbitni, “Le, tixtiqilhomx hekk.”*;

59. Minbarra l-verżjonijiet kuntrastanti mogħtija mill-partijiet, hemm imbagħad il-kwestjoni dwar għidut illi missier il-partijiet kellu iben minn relazzjoni extra-maritali. Mistoqsija in kontro-eżami jekk kienx minnu illi kienet sikwit tallega li missierha kellu tifel minn mara oħra, ir-rikorrenti tikkonferma illi kien hekk, u li, *“Kont ngħidha għax dik hi l-verita’.”* Tgħid illi ħutha kienu jafu biha din l-allegazzjoni, *“Għax qalulhom anke t-tfal dak iż-żmien tal-iskola stess”* u li *“ħafna affarijiet kienu jafuhom in-nies iktar milli konna*

[28] Vide l-affidavit tagħha mmarkat bħala **Dok MS1** a fol 463 *et seq* tal-proċess

*nafuhom aħna"*[29]. **Jimmy Farrugia** jixhed ukoll in kontro-eżami illi dwar din l-allegazzjoni, *"Ġieli smajt xi ħaġa mill-barranin imma ma nafx, jiġifieri jiena ma nidħolx fiha hux dik jiena"* u mistoqsi jekk semax xi darba din l-allegazzjoni mingħand martu, jirrispondi, *"U mela ma ġielix smajt xi ħaġa"*[30];

60. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti jsostnu illi din kienet gidba da parti tar-rikorrenti. Infatti, fl-affidavit tagħha **Sylvia Grech** tgħid illi, *"Maria Dolores kienet wisq kattiva mal-ġenituri tagħha li saħansitra anke ivvintat li missieri għandu tifel minn mara oħra. Din il-qlajja' kienet affettwat mhux ftit lil ommi u l-missieri psikoloġikament."* **Eileen Farrugia** ssostni illi b'din l-allegazzjoni r-rikorrenti *"immalafamat lil missieri"*, filwaqt illi **Maria Sciberras** tgħid illi din l-allegazzjoni kienet *"Kollu gideb"*;

61. Wara li għarblet sewwa x-xhieda prodotta quddiemha, u rat saħansitra anke l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda, din il-Qorti tikkonkludi illi r-rikorrenti jista' jkun illi kienet xi ftit fuq tagħha, u huwa fatt mhux kontestat illi missierha kien persuna ta' dixxiplina. Apparti l-kelma tar-rikorrenti u żewġha, ma nġabet l-ebda prova ta' swat u moħqrija mill-missier fil-konfront tar-rikorrenti, u għalhekk din il-Qorti aktar hija inklinata illi temmen illi missier ir-rikorrenti kien jeżerċita ċertu dixxiplina fuq uliedu kif kien jaf hu u forsi ta' livell illi fi żminijiet oħra kien tollerat aktar milli huwa tollerat illum, u dan mhux b'intiż illi jweġġa' lil uliedu, iżda preċiżament sforz ta' kemm kien jixtiqilhom il-ġid, peress illi, hekk kif tgħid **Sylvia Grech** fl-affidavit tagħha, *"ma ridux li ngħamluha ma' kumpanija ħażina jew naqbdu xi vizzji"*;

62. Il-Qorti tasal tikkonkludi wkoll illi r-rikorrenti, bħala persuna illi jidher illi kienet kemmxejn fuq tagħha, kienet tirribella kontra din id-dixxiplina, forsi anke sforz tal-fatt illi kienet interpretat b'mod żbaljat l-intenzjoni ta' missierha, u din il-Qorti hija tal-fehma illi meta żżewġet, ir-rikorrenti ħasset illi kienet 'ħarġet minn gaġġa' u sabet l-indipendenza tagħha, u setgħet

[29] Vide t-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha in kontro-eżami, a fol 474-475 tal-proċess
[30] Vide t-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu in kontro-eżami, a fol 484-485 tal-proċess

għalhekk tibda tgħix ħajja illi ma kinitx orkestrata skont id-dixxiplina eżerċitata minn missierha. Per konsegwenza, bdiet taqta' l-kuntatt mal-ġenituri tagħha;

63. Din il-Qorti, iżda, ma tistax ma tinnotax illi ma ġiex kontestat il-fatt illi d-defunt Emanuel Farrugia kien parrinu fil-magħmudija ta' bint ir-rikorrenti Cherylie, b'dana illi għalhekk din il-Qorti temmen illi r-rikorrenti, minkejja illi riedet tibda tgħix ħajja indipendenti, xorta ħasset illi missierha kien denju illi jkun il-parrinu ta' bintha. Huwa għalhekk illi din il-Qorti ssibha diffiċli temmen illi l-aġir tar-rikorrenti fil-konfront tal-ġenituri tagħha kien wieħed ta' krudelta'. Aktar issibha faċli temment din il-Qorti illi r-rikorrenti kienet tħossha marbuta bid-dixxiplina fid-dar tal-ġenituri tagħha – liema dixxiplina, iżda, kienet dejjem eżerċitata fl-interess tagħha, anke jekk dan forsi m'għarfitux ir-rikorrenti stess – u, wara li żżewġet, riedet tgħix ħajjitha mingħajr indħil, u baqgħet tħares lejn il-ġenituri tagħha bħala l-persuni illi xekkluha milli tgħix żogħżitha fil-liberta' assoluta illi xtaqet hi;

64. Dwar l-allegazzjoni tar-relazzjoni extra-maritali tal-missier, din il-Qorti tqis illi, għal allegazzjoni illi l-konvenuti jsostnu illi affettwat b'mod daqstant psikoloġiku lill-ġenituri tagħhom, il-fatt illi din l-allegazzjoni ma ssemmietx b'mod espliċitu bħala raġuni għad-diżeredazzjoni fit-testment, jindika illi jew (a) kien hemm xi essenza ta' verita' fl-allegazzjoni, jew (b) mhux minnu illi din l-allegazzjoni affettwat b'mod daqstant gravi lill-ġenituri tagħhom. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti ma tqisx illi din kienet waħda mir-raġunijiet għad-diżeredazzjoni, għaliex żgur illi, li kien hekk, kienet tissemma' fit-testment, jew mill-inqas kienet jissemma' xi ħaġa dwar il-fatt illi r-rikorrenti kienet immalafamat lil missierha. Dan iżda, ma kienx il-każ, u infatti l-unika raġunijiet imsemmija fit-testment huma: (a) il-fatt illi kienet miksura mal-ġenituri tagħha u ma riditx tkellemhom, u (b) il-fatt illi dawret lil bintha kontrihom, taħt liema raġunijiet ma tinkwadrax l-allegazzjoni magħmula. Għaldaqstant, din il-Qorti mhix sejra tikkonsidra din l-allegazzjoni u l-effett tagħha fuq it-testaturi għall-fini ta' deċiżjoni dwar il-mertu;

65. Tenut il-premess, iżda, din il-Qorti xorta waħda mhix tal-fehma illi, **fir-rigward tal-wirt t'Emanuel Sciberras**, id-diżeredazzjoni tar-rikorrenti kienet f'lokha, u dan stante illi ma jissussistux, fil-fehma ta' din il-Qorti, krudelta' u moħqrija rikjesti mil-liġi għad-diżeredazzjoni. Hija l-fehma tal-Qorti illi l-fatt illi r-rikorrenti allontanat ruħha minn missierha ma kienx *"apposta biex [tinki], u b'hekk [tweġġa'] l-qalb"* tiegħu, jew biex tnaqqaslu *"l-istima u r-reputazzjoni"* tiegħu[31], iżda sempliċiment għax baqgħet ma nesietx id-dixxiplina illi biha kienet trabbiet u baqgħet ma fehmitx illi din id-dixxiplina kienet effettivament għall-benefiċċju tagħha;

66. Mill-banda l-oħra, iżda, f'dak illi jirrigwarda l-**wirt ta' Maria Concetta Sciberras**, din il-Qorti hija tal-fehma illi omm ir-rikorrenti batiet intortament, u ma teskludix illi l-aġir tar-rikorrenti kien affettwaha serjament. Il-Qorti tinnota kif ir-rikorrenti fl-ebda ħin ma xehdet jew ġabet xi prova illi ommha wrietha dixxiplina bħalma kien juri missierha, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-allontanament tar-rikorrenti minn ommha, saħansitra anke meta xtaqet illi tkellemha waqt il-funeral ta' binha Twanny, ma kienx meritat mill-omm. Anke jekk għall-grazzja tal-argument huwa minnu illi, hekk kif isostnu r-rikorrenti u żewġha, l-omm kienet tibża' minn żewġha (fatt illi ma ġiex pruvat), jew illi l-klawsola ta' diżeredazzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-omm saru fuq struzzjonijiet ta' żewġha (fatt illi lanqas ġie pruvat), din il-Qorti xorta temmen illi r-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova illi kellha raġuni valida għalfejn tiksirha minn m'ommha u tissoġġettaha għat-trattament ta' silenzju illi effettivament issoġġettatha għalih, u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-klawsola ta' diżeredazzjoni magħmula mill-omm hija valida;

67. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi filwaqt illi ma kien hemm l-ebda raġuni tajba u valid fil-liġi li għaliha r-rikorrenti setgħet tiġi diżereditata minn missierha Emanuel Sciberras, dan ma kienx il-każ fir-rigward t'ommha Maria Concetta Sciberras. Konsegwentement, sejra **<u>tilqa' parzjalment</u>** l-ewwel żewġ talbiet attriċi, u tiddikjara illi r-rikorrenti

---

[31] Vide ***Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto vs Tabib Dr Angelo dei Baroni Attard Montalto*** suċitata

hija entitolata għas-sehem riservat spettanti lilha bil-liġi mill-wirt ta' missierha Emanuel Sciberras.

## Likwidazzjoni tas-Sehem Riservat illi hija entitolata għalih ir-Rikorrenti

68. Fit-termini tal-Artikolu 616(1) tal-Kap 16, peress illi r-rikorrenti kienu seba' (7) aħwa, is-sehem riżervat kellu jkun ta' nofs il-valur tal-beni tad-decujus, illi jinqasam bejn sebat (7) aħwa, b'dana illi r-rikorrenti għandha għalhekk dritt għal **sehem wieħed minn erbatax (1/14)** mis-sehem riservat fuq l-eredita' ta' missierha Emanuel Sciberras;

69. Dwar il-valur u likwidazzjoni tas-sehem riservat, ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Christopher Brincat et vs Emanuela Caruana***[32]:

> *Illi l-liġi tqis is-sehem riżervat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Il-werriet li lilu jmiss tali sehem irid jitolbu mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius* [App Ċiv 10.6.1949 fil-kawża fl-ismijiet *Farrugia noe vs Mintoff noe et* (Kollez Vol XXXIII.i.472)] *. Minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi, ma għadux meħtieġ li tali sehem jingħata lill-benefiċjarju b'ġid tal-wirt in natura, jiġifieri li jkun magħmul minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu* [Caruana Galizia, *Notes on Civil Law – Law on*

[32] Rik nru 181/09, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 27 t'April 2017 (in ġudikat)

*Succession,* pag 1021] *(magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ* [Art 620(3) tal-Kap 16]*), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral* [Art 620(2) tal-Kap 16] *u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur* [Art 620(4) tal-Kap 16]*, u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni* [Art 620 (1) tal-Kap 16]*;*

*Illi dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu* [Art 616(2) tal-Kap 16]*. Dan ifisser li l-ulied kollha, inkluż dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat* [Art 618(1) tal-Kap 16]*. Ifisser ukoll li sehem l-atturi jrid ikun ta' parti minn disa (1/9) tal-ġid li jirriżulta li missierhom kellu dak inhar li miet;*

*Illi minbarra dan, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso għas-subartikolu (2) li hemm illum (li jagħti lill-Qorti diskrezzjoni dwar kemm għandha tkun ir-rata xierqa ta' mgħax li tinġema' mas-sehem riżervat likwidat jew jekk għandux jinġema' mgħax), u għaldaqstant id-dritt għall-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%)* [Art 1139 tal-Kap 16] *għandhom jiżdiedu mal-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jekk tali sehem jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jgħaddu s-sentejn. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux applikabbli d-diskrezzjoni tal-Qorti li tnaqqas jew 'taħfer' l-imgħax miġmugħ fuq is-sehem li jmisshom minnu l-atturi. Għalhekk, is-sottomissjonijiet tal-imħarrka f'dan ir-rigward;*

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni* [P.A. JZM 29.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet *Raffaele Vella vs Saalvino Vella et* (mhux appellata)]. *Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja"* [App Ċiv 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet *Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et* (mhux pubblikata)]*;*

*Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "aestimatio rei"* [App Ċiv 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet *Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et* (mhux pubblikata)]. *F'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat* [App Ċiv 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet *Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et*]. *Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Bl-istess mod lanqas ma jista' jitqies l-iżvalutar illi xi investiment seta' ġarrab minn wara l-mewt tat-testatur. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li*

*l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;*

70. Jibda biex jingħad illi fil-kawża odjerna la nġabet prova illi kien hemm xi djun, u lanqas inġabet prova ta' donazzjonijiet;

71. Skont id-dikjarazzjoni *causa mortis* pubblikata fl-għoxrin (20) ta' Jannar 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien[33], fid-data tal-mewt ta' Emanuel Sciberras nhar il-ħamsa (5) t'Awwissu 2019, huwa kien jippossjedi:

   a. Nofs indiviż tad-dar (terraced house) numru wieħed u tletin (31), Triq tal-Mensija, San Ġwann, bil-garage retropost b'aċċess minn Trtiq Sant'Antnin, San Ġwann, bl-arja libera, liberi u franki, tal-valur ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€425,000)[34];

   b. Nofs indiviż tal-appartamnent fit-tielet sular (second floor) numru tnax (12) formanti parti mill-block li jismu "Windsor Flats" f'Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar, konfinanti mill-Grigal mat-triq u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' persuni mhux magħrufa, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€2.91), tal-valur dan is-sehem ta' tmenin elf Ewro (€80,000)[35];

   c. Nofs indiviż tal-qabar fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Casal Paola, Diviżjoni Lvant, Compartment C, Section PA, numru għoxrin (20), tal-valur dan is-sehem ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);

72. In oltre, skont ix-xhieda tar-rappreżentatriċi tal-Awtorita' Trasport Malta, Emanuel Sciberras kellu reġistrata f'ismu vettura tal-għamla Mitsubishi L200 bin-numru ta' reġistrazzjoni ABG453 (vide **Dok KC1** a fol 130 tal-proċess), illi skont ix-xhieda tal-intimata **Sylvia Galea,** ġiet mibjugħa għall-prezz ta' elf Ewro (€ 1,000);

---

[33] Vide paġna 2 f'**Dok D**, a fol 218 tal-proċess
[34] Vide wkoll **Dok VAL2** a fol 444-445 tal-proċess
[35] Vide wkoll **Dok VAL1** a fol 442-443 tal-proċess

73. Finalment, skont il-kontijiet bankarji illi kellu f'ismu Emanuel Sciberras, jirriżulta illi huwa kellu biss tliet kontijiet mal-Bank of Valletta plc (vide **Dok JB1** a fol 49 tal-proċess, **JB2** a fol 62 tal-proċess **u JB3** a fol 65 tal-proċess, esebiti mir-rappreżentatriċi tal-Bank of Valletta plc), illi fihom kienet miżmuma s-somma globali ta' sitt elef, mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 6,157.78);

74. Filwaqt illi jidher min-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom illi l-partijiet qed jaqblu dwar il-valur tal-assi fil-kontijiet bankarji, il-valur tal-qabar, u l-valur tal-vetturi, il-konvenuti jsostnu illi l-valur tal-proprjeta' m'għandux ikun dak dikjarat fil-*causa mortis,* u dan stante illi l-appartament numru 12 inbiegħ għall-prezz ta' €157,000 (u mhux ta' €160,000), filwaqt illi d-dar numru 31 inbiegħet għall-prezz ta' €750,000 (u mhux ta' €850,000). Madanakollu, in konsiderazzjoni tal-ġurisprudenza suċitata, din il-Qorti tqis illi s-sehem riservat għandu jinħadem fuq il-valur tal-ġid identifikat ta' missierhom fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha mal-ftuħ tal-wirt tiegħu, u cioe skont il-valutazzjoni dikjarata fil-*causa mortis*;

75. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tagħmel is-segwenti kalkoli:

Valur tal-assi ereditarji mal-mewt tad-*decujus*: € 514,657.78
Valur tas-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti:
1/14 x € 514,657.78 = **<u>€ 36,761.27</u>**

Din il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida sehem ir-rikorrenti fl-ammont ta' **sitta u tletin elf, seba' mija u wieħed u sittin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (<u>€ 36,761.27</u>)**;

76. Dwar l-imgħax dovut fuq is-sehem riservat, din il-Qorti ma tqisx illi għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha fit-termini tal-*proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kap 16. Peress illi l-kawża infetħet <u>qabel</u> għadda t-terminu ta' sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Emanuel Sciberras, din il-Qorti sejra tordna illi jitħallas imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'seħħ minn dak in-nhar li nfetaħ il-wirt sal-jum tal-ħlas effettiv.

**It-Tielet (3) u Sitt (6) Talbiet Rikorrenti**

77. Fit-tielet (3) talba, ir-rikorrenti titlob lil din il-Qorti tordna illi sakemm hija tingħata s-sehem riservat skont il-liġi, l-assi tat-testaturi għandhom jiġu konservati, u konsegwentement trodna li ebda assi tagħhom ma għandhom jiġu trasferiti, mogħtija jew assenjati taħt kwalsiasi titolu. Fis-sitt (6) talba, imbagħad, ir-rikorrenti titlob lil Qorti sabiex tordna lill-intimati sabiex ma jbiegħux u/jew jitrasferixxu, jiddisponu, jikkonċedu u jwegħdu lil terzi taħt kwalsiasi titolu, b'mod oneruż jew gratuwitu ukoll mili jammettu fil-pussess u/jew jikkonsenjaw ebda assi mill-wirt tad-*decujus* sakemm l-intimati jgħaddu lir-rikorrenti s-sehem spettanti lilha ossia l-porzjon riservat kif likwidat mill-Qorti;

78. Din il-Qorti ma tarax illi għandha tilqa' dawn it-talbiet. Dan għal żewġ raġunijiet:

    (a) Fl-ewwel lok, hekk kif ġie senjatal fil-ġurisprudenza suċitata, id-dritt għas-sehem riservat huwa definit bħala dritt ta' *"kreditu"* (Art 615(2) tal-Kap 16), b'dana illi mhux neċessarjament għalhekk irid jingħata *in natura*, iżda jista' jingħata fi flus;

    (b) Fit-tieni lok, hekk kif jissenjalaw tajjeb il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, hemm proċeduri appożiti (illi r-rikorrenti infatti ġia ħadet vantaġġ minnhom) illi permezz tagħhom tista' tikkawtela dan id-dritt tagħha, jekk hija tħoss il-bżonn illi tagħmel dan;

79. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** dawn iż-żewġ talbiet rikorrenti.

**Spejjeż Ġudizzjarji**

80. In konsiderazzjoni tal-fatt illi mhux it-talbiet kollha rikorrenti qed jiġu milqugħa, din il-Qorti ma tqisx illi jkun ġust illi l-konvenuti jbatu l-ispejjeż ġudizzjarji fl-interita' tagħhom. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tordna illi r-rikorrenti tħallas nofs (1/2) l-ispejjeż ġudizzjarji, filwaqt illi l-konvenuti jħallsu r-rimanenti nofs (1/2) tal-ispejjeż ġudizzjarji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti, stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

(ii) **Tilqa' *in parte* l-ewwel talba** rikorrenti, b'dana illi tiddikjara illi ma teżisti ebda raġuni tajba u valida fil-liġi li għaliha r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia tista' tiġi diżereditata mill-mejjet missierha Emanuel Sciberras, u li għaldaqastant id-diżeredazzjoni tagħha minn missierha mhix sostenibbli. Mill-bqija, il-Qorti tiċħad it-talba in kwantu tagħmel referenza għad-diżeredazzjoni tar-rikorrenti minn ommha Maria Concetta Sciberras;

(iii) **Tilqa' *in parte* t-tieni talba** rikorrenti, b'dana illi tiddeċiedi u tiddikjara illi r-rikorrenti Maria Dolores Farrugia hija entitolata għas-sehem riservat mill-wirt ta' missierha Emanuel Sciberras, u dan ai termini tal-Artikolu 615 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-bqija, il-Qorti tiċħad it-talba in kwantu tagħmel referenza għas-sehem riservat mill-wirt ta' Maria Concetta Sciberras;

(iv) **Tilqa' r-raba' talba** rikorrenti u, wara illi ġew likwidati l-assi ereditarji tad-defunt Emanuel Sciberras, tistabbilixxi l-valur tas-sehem riservat spettanti lil Maria Dolores Farrugia fl-ammont ta' **sitta u tletin elf, seba' mija u wieħed u sittin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 36,761.27)**;

(v) **<u>Tilqa' l-ħames talba</u>** rikorrenti u tordna lill-intimati werrieta tad-defunt Emanuel Sciberras iħallsu lil Maria Dolores Farrugia dan il-valur tas-sehem riservat hekk kif likwidat;

(vi) **<u>Tilqa' l-għaxar talba</u>** rikorrenti u tordna illi jitħallas imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-mewt ta' Emanuel Sciberras fuq il-porzjon riservat li jmiss lir-rikorrenti Maria Dolores Farrugia mill-eredita' tiegħu, a itermini tal-Artikolu 615(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sad-data tal-effettiv pagament;

(vii) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u s-sitt talbiet rikorrenti għar-raġunijiet li ngħataw f'din is-sentenza;

(viii) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tas-seba', tmien u disa' talbiet rikorrenti stante illi ġew ċeduti;

(ix) **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 653/2021 u l-Mandat t'Inibizzjoni preżentat kontestwalment mal-kawża, jiġu sopportati nofs (1/2) mir-rikorrenti u nofs (1/2) mill-konvenuti.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**